# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru tnejn u erbgħin (42) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nżammet nhar it-28 ta' Mejju, 2015, fis-6:55pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Malli | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Charlene Zammit talbet lill-KLM jiskuża lil Anita Farrugia li qaltilha li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

2. Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

3. Is-SE qara l-minuti tas-seduta preċedenti u wara kull punt saru l-korrezzjonijiet, u tqajmu l-punti mill-Minuti. Dawn kienu ssekondati minn Grace Marie Mallia u approvati unanimament bil-korrezzjonijiet proposti.

4. Dwar il-*Management letter* għas-sena 2014, Grace Marie Mallia qalet illi matul is-snin l-*accountant* ma għamilx *update tal-fixed asset register* u dan għal darb'oħra reġa' ssemma' fil-*managment letter.* Ma' dan hemm marbut id-deprezzament li qed tinħadem fuq *excel sheet*. Hija qalet ukoll li l-*accounts* ma kienux ippreparati skont l-IFRS's. Dwar il-*performance bonus* tas-SE, hija qalet li l-awdituri qalu li dan ingħata qabel ma kien approvat. Hawn is-SE qal li n-nofs tal-*performance bonus* li jingħata kemm-il darba jkun approvat mil-KLM u d-Dipartiment Gvern Lokali, din is-sena ingħata erba' xhur wara, jiġifieri f'April, 2015. Dwar il-kunsillier illi qed ifalli l-laqgħat tal-KLM, Grace Marie Mallia qalet illi dawn għandu jkun identifikat fil-*Management Letter* ħalli nagħtu tweġiba dwaru. Il-KLM mhux qed jaqbel ma' dak li qed jingħad fil-*managment letter* u se nirrispondu anke skont ix-xewqa tas-Sindku għal fatt li mhux veru li din is-sena kienu mistiedna l-voluntieri għall-ikla tal-Milied u dik ta' Jum l-Imqabba, 2014. Hija qalet li l-organizzazzjoni kienet ta' ikla waħda għal żewġ avvenimenti. Intant il-KLM iddeċieda illi joħroġ l-offerta pubblika għal servizzi ta' *accountant*, u Grace Marie Mallia qalet li ġaladarba għadna ma akkwistajniex kopja ta' dan id-dokument mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, tejjeb li niċċekkjaw mar-Reġjun Nofs-in-nhar li kienu ħarġu s-sejħa għall-offerti. Charlene Zammit qalet li għandna wkoll niċċekkjaw *tender document templates* tal-gvern ċentrali, għaliex fl-istess sejħa għandu jkun hemm imniżżel illi dan l-*accountant* għandu jkun *available* u jkun preżenti fil-kunsill biex idaħħal l-affarijiet fil-computer minn żmien għal żmien u jżomm l-*accounts up to date.*

5. Dwar it-talba għall-arbli tad-dawl biex issir l-illuminazzjoni f'ta' Għadajma, se nitolbu permess lill-Go plc biex jitwaħħlu f'isimna il-lanterni tal-elettriku mill-Korporazzjoni Enemalta fuq arbli tal-injam tal-Go plc, liema rakkomandazzjoni

saret lilna fit-13 ta' Mejju, 2015 minn Ms Nadia Camilleri (Korporazzjoni Enemalta).

6. Dwar l-immaniġġjar tat-traffiku, wara l-mawra fostna tas-Sur Charles Muscat minn *Transport Malta,* jidher li dan kien konvint mill-urġenza li hemm dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u Triq tas-Sejba. Is-Sindku qalet li hija nfurmata li *Transport Malta* kellhom jiltaqgħu u se jmexxu t-talbiet tal-KLM.

7. Waħda minn dawn it-talbiet hija dik ta' *zebra crossing* fi Triq tas-Sejba. Hawn Paul Spiteri staqsa dwar is-*survey* li kien propost biex isir f'din it-triq fejn sid ta' barriera ħaffer taħt il-livell tat-triq u din issa reġgħet qed tinżel 'l isfel. Charlene Zammit ipproponiet illi niktbu ittra lill-Gvern Ċentrali biex ninfurmaw lill-entitajiet konċernati li Triq tas-Sejba qed tinżel u l-KLM m'għandux fondi biex jidħol għal proġett tar-ristrutturar tat-triq. Dwar il-proposta ta' *double yellow lines* quddiem *garages* fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, is-Sindku qalet li l-wisa' tal-bibien tal-*garages* hija determinanti biex jinħareġ il-permess u mill-indikazzjonijiet li għandna, wieħed jikkwalifika għalihom, u l-ieħor le. Hawn Paul Spiteri qal li dawn ir-residenti mhux se jifhmu li l-wisa' tal-bieb kien determinanti fl-għoti ta' dan il-permess. Għal mistoqsija tas-Sindku, is-SE qal li fil-każ tad-*disabled parking bay* f'Binja Harriġiet minħabba persuna bi bżonnijiet speċjali, jidher li dan il-permess se jingħata.

8. L-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija minħabba nuqqas ta' moniteraġġ fl-inħawi tal-Iskola Primarja fi Triq Valletta, intbgħatet mill-KLM. Fl-istess ittra saret enfasi għal wiegħda li kienu għamlulna; li se jagħmlu dak kollu possibbli biex jibgħatu pulizija fil-ħin tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal fl-iskola.

9. Dwar il-proposta ta' Grace Marie Mallia għal *sleeping policeman* fi Triq Ħal Kirkop, Paul Spiteri qal illi Kunsill preċedenti kien waħħal diversi minnhom u dawn kważi kollha nqalgħu minħabba l-inkonvenjent għal ħafna nies, għaliex joħolqu l-ħsejjes. Għaldaqstant, Paul Spiteri qal li jekk ma jinġabrux il-firem tar-residenti li jkunu joqgħodu fl-inħawi immedjati fejn din tkun se tiġi mwaħħla, jkunu qed jintefqu flus fil-ħala. Charlene Zammit qalet li trid il-kunsens ta' ħafna nies billi hemm ħafna appartamenti, u pproponiet illi nibgħatu ittra lir-residenti bil-proposta li ssir *sleeping policeman* quddiem *Sunrise Court* fi Triq Ħal Kirkop.

10. Dwar il-permess ta' bini ta' ġibjun addizzjonali fi Triq Xandru Farrugia, Charlene Zammit staqsiet lis-SE dwar il-formula taċ-*change of applicant*. Is-SE qal li din għaddiha għand is-Sur Nicholas Briffa ħalli tiġi ffirmata. Hu qal illi llum stess għamel tliet kwarti oħra għal xejn fl-Għassa taż-Żurrieq biex jingħata r-rapport li għamel iben is-Sur Briffa fejn qed ikun dikjarat li ntilfet il-*lapel badge.* Għada se ninfurmaw lill-Aaron Briffa biex imur għar-rapport u s-SE imbgħad ikun jista' jgħaddih lid-Dipartiment.

11. Għall-*e-mail* tal-llum, tas-Sja Mary Muscat, dwar il-permessi tal-makkinarju, s-Sindku qrat l-e-mail li bagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn iddikjarat

li l-KLM kien se joħroġ *refund* lil dawk kollha li għamlu l-permessi ta' *cranes* fil-ġimgħat li għaddew. Kien deċiż li minn għada nibdew inżommu kif ordnati nagħmlu mid-Dipartiment, Eur10 għal kull permess ta' makkinarju filwaqt li titħallas id-differenza mhux skont kif proposta mis-SE minn Eur25.70 għal Eur10, iżda minn €25.70 għal €2.33.

12. Paul Spiteri talab li jintefa' il-valenu tal-ġrieden fi Triq Baskal Xuereb, filwaqt li s-SE qal li dan ntefa' fit-toroq kollha ta' wara l-ġibjun fil-ġimgħat li għaddew. Dan wara li ċemplulu mis-Sanita' biex ikunu jafu fejn huma t-toroq rappurtati f'isem is-SE stess.

13. Dwar il-latrini pubbliċi, il-ħaddiema tagħna waħħlu l-firrolli fil-bibien kollha u kien stabbilit li dawn inqalgħu mhux minn vandaliżmu iżda mill-kuntrattur wara li kien qed ikun hemm rapporti li jgħaddu t-tfal minn taħt il-bibien u jsakkruhom minn ġewwa filwaqt li jerġgħu joħorġu minn taħt. Għaldaqstant, Charlene Zammit qalet li tat struzzjonijiet lill-ħaddiema sabiex iniżżluhom aktar 'l isfel, kif fil-fatt dawn għamlu. Hija pproponiet laqgħa mal-Onor Justyne Caruana sabiex nippruvaw insibu fondi u din il-latrina tkun aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

14. Dwar il-Berga tal-Gvern, Charlene Zammit qalet li għandha tagħmel kuntatt ma' żewġ persuni ħalli jiggwidawna ftit kif se nimxu, għaliex ix-xogħol irid isir issa qabel ma terġa' tibda' x-xita.

15. Dwar il-Festa Ravjul, is-SE kien mitlub joħroġ ir-rendikont tal-qliegħ li sar biex ikun komunikat lill-każini. Hu qal li jonqos xi *invoices* x'jidħlu fosthom dik tas-silġ. Charlene Zammit qalet li dan kien ordnat minn għand is-Sur Joe Gauci għal €40. Intant dwar it-tazzi tal-*plastic*, Charlene Zammit qalet li tat minnhom lil tas-Siġġiewi għal festa tal-Bebbux. Hija qalet li dawn bi żball tawhom lil Farsons bhala *returns.*

16. B'riferenza għall-fuljett ħarġa numru 9, kien approvat il-materjal kollu s'issa għajr l-artiklu ta' Charlene Zammit u l-Editorjal li għad iridu jinkitbu. Is-Sindku talbet lis-SE jagħmlilha appuntament nhar it-2 ta' Ġunju, 2015 ma' Duncan tal-Veritas. Intant is-SE kien mitlub sabiex jagħmel avviż illi mill-attivitajiet komunitarji, s'issa nġabru €150 li se jingħataw lill-*Community Chest Fund* fl-aħħar tas-sena fl-istrina.

17. Is-SE kien mitlub sabiex f'isem ir-residenti jmur iħallas lill-kumpanija tal-ivvjaġġar għal ġita li se jagħmel il-KLM bil-parteċipazzjoni ta' diversi persuni li xtaqu jmorru Sqallija. Dan il-vjaġġ se jsir nhar it-6 ta' Ġunju, 2015.

18. Dwar il-problema li nqalgħetilna fl-iddepożitar tal-fondi fil-Bank of Valletta, is-SE qal li wara 21 sena, sirna nafu li mhux se jkun possibbli li niddepozitaw fil-fergħa tal-Imqabba. Dan se jkun ta' skumdita' għaliex se jkollna mmorru fir-raħal taż-Żurrieq. Il-proposta tas-SE illi jibda' jinġieb il-*Cash Van* tas-sigurta' ma

ntlaqgħetx mill-KLM għaliex mhux lest li nhallsu €18 + vat kull darba li niddepożitaw. Għaldaqstant se niktbu lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, lid-Dipartiment Gvern Lokali u fuq kollox lill-BOV.

19. Dwar l-istedina tal-*blood mobile unit* f'Ottubru li ġej, f'Jum l-Imqabba, is-SE qal li rċieva telefonata fejn dawn qalulna li għal din is-sena din diġa' hija bbukkjata.

20. Għall-attivitajiet tal-KLM li kienu organizzati dan l-aħħar għal Għawdex, id-Deputat Sindku qalet li marret darbtejn, u darba minnhom marret magħhom is-Sindku. Hija qalet li tellajna 'il fuq minn mitt persuna u dawn il-mawriet kienu suċċess. Fl-aħħar attivita' il-grupp kien fih aktar nies u nġabru €50 għal *Community Chest Fund.* Dawn ingħaqdu mal-fondi li kienu nġabru mill-*buffet breakfast.*

21. Dwar il-ħaxix ħażin, is-SE qal li dan inqata' kollu minn Triq it-Torri Vincenti inkluż dak minn fuq l-imtali li jwasslu lejn Ħal Millieri minn Triq Ħal Kirkop. Hu qal li tnaddaf ukoll l-isqaq tas-Serer filwaqt li ħa nota tas-suġġeriment li sar mid-Deputat Sindku biex tibda' titwaħħal nota biex jgħaddiha lill-ħaddiema, mal-vetturi li taħthom ikun hemm il-ħaxix ħażin f'toroq fil-kampanja, ħalli l-għada, l-ħaddiema jsibu l-irkejjen kollha sbarazzati minn kull ostakolu u mhux jibqa' l-ħaxix ħażin. Illum kellna talba oħra mid-Dipartiment tat-Tindif sabiex titnaddaf Triq Ħal Farruġ. Dawn bagħtu *e-mail* bir-ritratti. Is-Sindku qalet li hija xi ħaġa pożittiva li qed ikun hemm il-*wardens* fejn il-*bring in site* ta' Triq Ħal Kirkop għaliex dawn qed josservaw mhux biss lil min ikun qed jarmi l-iskart mal-art iżda wkoll lil kull min jitla' *wrong way* miż-Żurrieq.

22. Dwar il-*warning* li ingħata l-ħaddiem tal-IPSL, Anthony Spiteri, is-Sindku qalet li dan irrispondiena lura b'risposta. Hija qalet li dan saħansitra semma meta fil-Coffee Morning ħadem nofs ta' nhar senza nteressi. Is-Sindku rrimarkat kif matul il-ġimgħa ma joqgħodx sal-ħin.

23. Paul Spiteri qal li meta kienet twaħħlet *bollard* fi Triq San Mikiel, minn xi ħadd mhux magħruf biex tippromwovi l-*bike trails,* din twaħħlet fin-nofs, tant li ħadd ma jista' jgħaddi b'van. Hawn intqal li se nippruvaw ngħinu billi se nispustawha ftit ħalli din ma tibqax tkun ta' nkonvenjent għal min jgħaddi minn hemm b'vetturi kbar. Intant, se nerġgħu nibgħatu n-nies tagħna sabiex imorru jaraw jistgħux iwaħħlu l-*bollard* li kien hemm fl-istess triq aktar 'l isfel li skont Charlene Zammit, xi ħadd imliha bil-konkos.

24. Grace Marie Mallia ilmentat minn *bus shelters* maħmuġin u qalgħet illi dawn mhux qed jitnaddfu. Is-SE qal li hu qed jibgħat diversi messaġġi lill-kuntrattur u lil *Transport Malta* sabiex jitnaddfu.

**Agenda**

25. Dwar it-talba għall-kumpens li rċieva l-KLM dwar ħsara fuq vettura kif indikat fl-*e-mail* datata 12 ta' Mejju, fi Triq is-Siġġiewi, il-KLM oġġezzjona għat-talba li

rċieva għal ħlas ta' danni. Kien irrimarkat illi fuq is-sit in kwistjoni ma kien irrappurtat l-ebda inċident ieħor u dan filwaqt li kien innutat li mill-istess triq jgħaddu eluf ta' vetturi kuljum. Ġie deċiż illi l-KLM jinforma lix-xufier bl-eżitu tal-laqgħa tal-KLM.

26. Dwar l-iskema lokali ta' restawr ta' monumenti storiċi, Charlene Zammit issuġġeriet li tkun restawrata l-Kappella ta' Santa Katerina, filwaqt li Grace Marie Mallia issuġġeriet illi jkun restawrat il-*basement* tal-Isptar il-Qadim. Is-SE qal li tal-aħħar ma jikkwalifikax għaliex hemm żewġ klawsoli li jgħidu li propjeta' devoluta u dik li hija sotterranja, ma' jikkwalifikawx. Għaldaqstant il-KLM se jkompli jaħdem fuq il-proġett tar-restawr tal-kappella minkejja li s-SE qal li anke l-Bini Muniċipali jinħtieġ li ssirlu manutenzjoni speċjalment il-balavostri ta' fuq il-bejt li sejrin għal isfel. Paul Spiteri qabel li l-Kappella ta' Santa Katerina jaraha suġġeriment validu filwaqt li s-SE indaga ftit mal-Kappillan li dan qallu li se jipprova jsib sit alternattiv għal bradelli ħalli din il-kappella tibda' tintuża għal pastorali.

27. Dwar it-talba tal-*Executive Officer*, Valerie Galea, is-SE kien mitlub jagħmel kopja tal-*Collective Agreement* tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali filwaqt li Charlene Zammit ikkummentat għal qabża fl-iskala minn dik 15 għal 13 awtomatikament wara sitt snin. Hija staqsiet x'jiġri jekk il-KLM ma jkollux bżonn ta' *Assistant Principal* u talbet lis-SE jgħid x'se tinvolvina bħala salarju. Id-differenza hija ta' madwar €2,000 fis-sena. Paul Spiteri qal li l-*collective agreement* huwa l-*factotum* filwaqt li qal li din is-sena anke saħansitra l-*fuel allowance* għola għal 51.5c kull mil.

28. Dwar il-kuntratt tal-iskart il-ġdid, il-KLM iddeċieda li għal darb'oħra joħroġ il-kuntratt mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Hawn is-SE wera x-xewqa li titnaqqas ġurnata oħra li fiha jinġabar l-iskart organiku, iżda din il-proposta ma sabitx is-*support* tal-KLM għaliex intqal illi fl-irkuprar u l-iskart għadna lura ferm. Paul Spiteri qal illi għad fadal min joħroġ il-borża s-sewda nhar ta' Sibt għat-Tnejn fil-għodu. Madankollu se naraw illi jkun hemm *options* fid-dokument tal-offerta sabiex kemm-il darba f'nofs il-kuntratt niddeċiedu hekk, jitnaqqas l-ammont mill-*Bills of Quantity,* peress li dan irid joħroġ għal erba' snin.

**F'Punti Oħra**

29. Charlene Zammit semmiet il-permess għal kafeterija fl-inħawi ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li dwaru kienet ħarġet *no objection* mill-KLM. Hija qalet li din tidher li se tiftaħ dal-waqt, għaliex se joħorġu l-permessi. Hija qalet li bħal issa hemm ċint li jdawwar il-bini u li għad irid jitwaqqa' biex tifforma ruħha s-*service road* li tkompli fl-istess By-Pass.

30. Charlene Zammit qalet illi rċeviet ittra mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex l-*iscaffolding* ta' terzi fil-Pjazza tal-Knisja, jitneħħa sal-5 ta' Ġunju, għaliex dan qed ikun ta' nkonvenjent għall-armar tal-festa. Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-iscaffolding jiżżarma sal-4 ta' Ġunju.

31. Għal permessi tal-attivitajiet, intqal illi fil-Pjazza tal-Knisja mhux il-post li xi ħanut jagħmel *Bar be Que* jew majjalata. Dan b'riferenza għal *bar* li qed jitlob il-permess li jagħmel dan u jarma' kontinwament l-imwejjed u s-siġġijiet barra. Paul Spiteri qal li dan ma jaqax taħt permess temporanju u l-KLM ma għandux jidħol fihom, għajr fil-jiem tal-festa (temporanju).

32. Is-Sindku qalet illi l-KLM ġie mitlub mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju biex jagħmel riċeviment formali fl-Isptar il-Qadim fejn jilqa' lid-delegazzjoni minn Anticoli Corrado, li ser tinkludi s-Sindku ta' dan ir-raħal. Kienet approvata l-ispiża ta' €200 biex isir ir-riċeviment.

33. Is-Sindku qalet li bħal fis-snin li għaddew, il-bandisti ser jieħdu *drink* mill-KLM nhar il-festa jiġifieri nhar il-21 ta' Ġunju. Din it-talba intlaqgħet ukoll.

34. Charlene Zammit, qalet illi l-każin talab illi fi Triq Karmenu Ciantar ma jintramawx kabbani tat-*toys*. Is-SE qal li qatt ma ħareġ permess għal tat-*toys* fi Triq Karmenu Ciantar għax dawn il-posti tagħhom huma fi Triq id-9 ta' April.

35. Grace Marie Mallia qalet illi xtaqet timplimenta l-iskema tal-ġbir tal-ħwejjeġ użati li tħabbret fil-laqgħa annwali tar-Reġjun Nofs-in-Nhar minn Refab. Għal din il-laqgħa attendew ukoll is-Sindku u s-SE, u se naraw kif se nimplimentaw il-proposta possibilment mingħajr ma nħallu xi *skip* fit-triq għaliex żgur li timtela' bl-iskart u mhux bil-ħwejjeġ.

36. Grace Marie Mallia qalet illi kellha talba sabiex issir *u-shaped barrier* quddiem razzett fi Triq il-Qrendi. Is-SE ukoll qal li kellu talba biex din issir fejn l-istatwa tal-Kunċizzjoni fuq il-Mentna. Għaldaqstant se nikkomunikaw ma min għamel din il-proposta ħalli naraw fejn din eżattament qed tintalab.

37. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-23 ta' Ġunju, 2015 fil-5.30pm filwaqt li din intemmet fl-9:55pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 23 ta' Ġunju, 2015 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku